# Qlugħ

**POEŻIJI TA'
JANE CORTIS**

Ġa ħareġ l-għassies
ifarfar l-aħħar fdal
ta' jum mitmum
u jkeffen f'sorra ta' tifkira
ġrajjietu.

Ġa xegħlet mad-dalma
id-dieqa
ġoċ-ċella maqfula
fejn waħdi nħażżeż il-lingwa
li nifhem jien waħdi.

Ġa smajtu f'widnejja
id-daħk madwari
x'ħin jaqa' s-separju fuq parti falluta
fejn l-għaraq tal-prova
jinxtorob mill-għabra
ta' palk minsi.

Ġa xxarbet mħaddti
taħt qamar li jidħak belgħani
jisqini l-imrar safrani
tax-xarba li toqtol
u tinżel bħal manna
ġon-nixfa ta' sidri.

Ġa rajthom il-qlugħ
ta' velu jperper
fuq mewġa maħruba.
U bħali
jiċċartu bla karba u jegħrqu
fejn għada
itfiġġ l-ewwel dija.